MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Morgan Azzopardi)**

**vs**

**Noel Aquilian ta' 26 sena, iben il-mejjet Mario u Michaelina nee Bajada, mwieled Pieta' fit-23 ta' Dicembru, 1975, u residenti 62, Triq id-Dejqa, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 40976 (M)**

**George Vella ta' 27 sena, iben Spiridione u Emanuela nee Farrugia, mwieled Pieta' fl-4 ta' Gunju, 1974 u residenti Blokk 2, No. 2, Tarag it-Tarznari Antiki, Bormla, Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 295674 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Noel Aquilina u George Vella li gew akkuzati talli fit-28 ta' Dicembru, 2001 gewwa Hal Tarxien, ikkommettew serq ta' mutur tal-bahar Yamaha outboard, liema serq jeccedi Lm 100 izda ma jiskorrix Lm 1000, ghad-detriment ta' Lawrence Muscat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, lok u hin,

U aktar talli, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom,

Noel Aquilina wahdu akkuzat talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19.10.2000 minn Dr C. Scerri Herrera LL. D. liema sentenza saret definittiva ma tistax tinbidel,

Noel Aquilina wahdu akkuzat talli kiser ordni tal-probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Dr T. Micallef Trigona LL.D.) datata 19.07.2000,

Noel Aquilina wahdu akkuzat talli sar recidiv ta' serq wara li gie kkundannat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 19.10.2000 mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL. D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel,

George Vella wahdu akkuzat talli sar recidiv ta' serq wara li gie kkundannat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 02.12.1997, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2002 u l-Qorti laqghet it-talba,

ghalhekk din is-sentenza hi <u>fil-konfront ta' George Vella biss.</u>

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat li giet registrata ezatt wara li sar l-interrogatorju.

Rat il-fedina penali tieghu. Rat l-artikoli 261, 267, 269, 270, 279, 280, 20, 281, 334, 49, 50 u 17 u 31, 69 tal-Kap 9.

In vista ta' l-ammissjoni tieghu qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Dwar il-piena, in vista ta' l-ammissjoni ma tqsix li hu ghandu jbati piena karcerarja, lanqas ma tista' in vista tar-recidiva tikkundannah ghal sentenza sospiza. Ma tqisx pero' li in vista tal-fatt li hu gawda, jidher ghal xejn, mill-provedimenti tal-Kap 152, ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal multa ta' Lm 500 (hames mitt lira Maltija).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------